

Brussell, 30 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13323/25

RECH 412
SAN 579
BIOTECH 14
COMPET 928

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	30 ta' Settembru 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12838/25	
Suġġett:	Sejħa għal azzjoni dwar ix-xjenzi tal-ħajja għall-kompetittività tal-Unjoni - Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fit-30 ta' Settembru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *Sejħa għal azzjoni dwar ix-xjenzi tal-ħajja għall-kompetittività tal-Unjoni*, approvati mill-Kunsill fl-4119-il laqgħa tiegħu li saret fit-30 ta' Settembru 2025.

**KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR SEJĦA GĦAL AZZJONI DWAR IX-
XJENZI TAL-ĦAJJA GĦALL-KOMPETITTIVITÀ TAL-UNJONI**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u l-pjan direzzjonali għal strateġija dwar ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija¹ u dwar "Ix-xjenzi tal-ħajja u l-bijoteknoloġija - strateġija għall-Ewropa"²;

FILWAQT LI JIEĦU NOTA

- tal-linji gwida politiċi tat-tieni Kummissjoni ta' Von der Leyen li ħabbret strateġija wiesgħa għax-xjenzi tal-ħajja Ewropej sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tiżviluppa teknoloġiji ta' valur għoli. L-att Ewropew mistenni dwar il-bijoteknoloġija, li għandu l-għan li jgħin jimmodernizza partijiet sħaħ tal-ekonomija, mill-biedja u l-forestrija għall-enerġija u s-saħħa, għandu jkun parti minn strateġija usa' għax-xjenzi tal-ħajja Ewropej;
- tal-"Boxxla għall-Kompetittività" li tenfasizza r-rwol tax-xjenzi tal-ħajja bħala muturi tal-innovazzjoni fil-bijoteknoloġija, u li għandha potenzjal kbir li tagħti spinta lill-kompetittività fdiversi setturi, mill-farmaċewtika għall-agrikoltura, l-enerġija, l-ikel u l-għalf.

¹ 5745/03.

² 12278/03.

WASAL IŻ-ŻMIEN LI NKUNU AMBIZZJUŻI

1. JILQA' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li sal-2030 tqiegħed l-UE fil-pożizzjoni tal-iktar post attraenti fid-dinja għax-xjenzi tal-ħajja³. JISĦAQ li x-xjenzi tal-ħajja huma ta' importanza kbira biex imexxu 'l quddiem l-għarfien fundamentali u jagħtu spinta lill-innovazzjoni f'oqsma strateġikament importanti bħall-kura tas-saħħa, it-teknoloġiji mediċi u l-farmaċewtika, l-agrikoltura, il-bijoeconomija, is-sistemi tal-ikel fuq l-art u fl-ilma, il-bijoteknoloġija, il-bijodiversità u x-xjenzi ambjentali. JISĦAQ fuq ir-rwol vitali tax-xjenzi tal-ħajja fil-promozzjoni tas-saħħa tal-bniedem, l-annimali u l-ambjent, f'konformità mal-approċċ "saħħa waħda", u fit-tħejjija aħjar għal riskji globali u pandemiji futuri u t-tisħiħ tal-prevenzjoni tagħhom. Xjenzi tal-ħajja b'saħħithom u innovattivi huma essenzjali għall-kompetittività globali u sostenibbli tal-Unjoni u għas-sovranità, is-sigurtà u l-awtonomija tagħha, sabiex jiġu żgurati s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini Ewropej, jiġu indirizzati l-isfidi soċjetali u ambjentali u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni ekoloġika. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joqogħdu attenti għall-fatt li l-innovazzjoni fix-xjenzi tal-ħajja tikkontribwixxi għall-ġid pubbliku, b'enfasi qawwija fuq l-ekwità fl-aċċess, l-affordabbiltà, u r-rispons għall-ħtiġijiet tas-saħħa pubblika u l-oġettivi ambjentali tal-UE.

³ 11257/25 - Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Agħżel l-Ewropa għax-xjenzi tal-ħajja - Strateġija biex l-UE tiġi ppożizzjonata bħala l-iktar post attraenti fid-dinja għax-xjenzi tal-ħajja sal-2030.

2. JIRRIKONOXXI li l-UE tinsab f'kompetizzjoni ħarxa ma' ekonomiji oħra, qed tesperjenza diskrepanza dejjem tikber fl-innovazzjoni u mhix qed tlaħħaq mal-kompetituri dinjija biex issarraġ ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) fi prodotti jew servizzi. Ekosistema Ewropea frammentata tax-xjenzi tal-ħajja u ostakli strutturali, b'hal investimenti insuffiċjenti, b'mod partikolari investimenti privati, inkluż fir-R&I u l-iscaleups, kif ukoll skoperti teknoloġiċi limitati u qafas regolatorju kumpless, huma sfidi li jeħtieġu azzjoni immedjata.
- JIRRIMARKA li sabiex tintlaħaq l-ambizzjoni li sal-2030 l-UE titqiegħed fil-pożizzjoni tal-aktar post attraenti fid-dinja għax-xjenzi tal-ħajja hemm bżonn li jingħaqdu l-forzi madwar l-Unjoni u li jkun hemm triq ċara għall-futur, b'azzjonijiet kuraġġużi bbażati fuq l-evidenza u approċċ ippjanat u koordinat li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati u l-inizjattivi eżistenti kollha.
- JENFASIZZA l-importanza tal-investiment f'kull pass tal-katina tal-valur, mir-riċerka fundamentali sal-adozzjoni. JIDDISPJACIJIH li l-istrateġija ppreżentata għax-xjenzi tal-ħajja hija nieqsa minn perspettiva internazzjonali ambizzjuża.

3. JILQA' l-approċċ inklużiv u olistiku fl-istrateġija tal-Kummissjoni dwar ix-xjenzi tal-ħajja. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex tegħleb il-frammentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-istrateġiji fil-livell tal-Unjoni u toħloq ambjent favorevoli għall-innovazzjoni u faċli għall-utent għall-partijiet kollha kkonċernati tar-R&I. JIRRIKONOXXI li Orizzont Ewropa, kif ukoll il-programmi qafas preċedenti għar-R&I, kienu u għadhom għodda importanti biex jiġi appoġġat il-progress fix-xjenzi tal-ħajja. JILQA' r-referenza għas-sħubijiet, missjonijiet, proġetti Ewropej u għall-informazzjoni dwar investimenti attwali. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' perspettiva strateġika li tħares 'il quddiem li tkompli tibni fuq il-kisbiet u li tieħu tagħlimiet mill-esperjenza miksuba, mingħajr ma tanticiġa d-deċiżjonijiet dwar il-futur tar-R&I fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss. JITLOB lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċifika lis-sigurtà ekonomika u r-riċerka. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri sabiex tiżgura li jibqa' jingħata appoġġ lix-xjenzi tal-ħajja fl-oqsma relatati kollha, bi strumenti konnessi sew matul il-katina tal-valur, u b'azzjonijiet biex jingħelbu l-barrieri amministrattivi u jiġu ssimplifikati r-regolamenti. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, mingħajr ma tanticiġa l-QFP li jmiss, tesplora l-fattibbiltà, permezz tal-Fond Ewropew tal-Investment, ta' Fond Ewropew ta' Investment għax-Xjenzi tal-Ħajja possibbli biex jiġi sfruttat l-investment privat.
4. JENFASIZZA li l-Unjoni għandha bżonn urġenti li tippromwovi r-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti mediċinali ta' terapija avanzata (ATMPs). JILQA' l-inizjattiva li jinħoloq network ta' Ċentri ta' Eċċellenza Ewropej fl-ATMPs, li jkompli jibni fuq networks u proġetti Ewropej u nazzjonali eżistenti. JAPPELLA lill-Kummissjoni tiżgura proċess ta' għażla trasparenti u network inklużiv u miftuħ, filwaqt li tivvaluta wkoll miżuri biex tittejjeb l-affordabbiltà ta' dawn it-terapiji u b'hekk jiġi żgurat l-aċċess għall-pazjenti.

NOĦOLQU D-DIREZZJONI FIL-PROVI KLINIĊI

5. JENFASIZZA li l-Unjoni għandha bżonn urġenti li tindirizza l-kwistjonijiet b'diversi fatturi tas-sehem mondjali dejjem jonqos u tal-impatt imnaqqas tal-provi kliniċi li jitwettqu fiha. L-ospitar tal-provi kliniċi huwa ta' ġid għall-pazjenti u għax-xjenzi tal-ħajja u jagħti spinta lill-adozzjoni ta' mediċina personalizzata u teknoloġiji ġodda fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Unjoni. JENFASIZZA li provi kliniċi f'diversi pajjiżi u ċentri huma fost l-aħjar soluzzjonijiet biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ indaqs ta' pazjenti ta' ġeneri differenti, jipprovdu evidenza klinika soda u f'waqtha u jagħtu aċċess bikri u ekwu lil terapiji innovattivi għall-pazjenti fl-Istati Membri kollha. Provi bħal dawn jiffaċilitaw ukoll l-adozzjoni mingħajr dewmien żejjed ta' trattamenti u teknoloġiji ġodda u eżistenti fis-servizzi tas-saħħa nazzjonali, billi jiffaċilitaw il-valutazzjoni mill-aġenziji regolatorji u l-korpi tal-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa. JISSOTTOLINJA li l-appoġġ lil ambjent regolatorju abilitanti komuni għall-implimentazzjoni tal-provi kliniċi madwar l-Unjoni, li jibni fuq ir-Regolament (UE) 536/2014⁴ u li jqis l-aħjar prattiki u l-lezzjonijiet meħuda minn kriżijiet reċenti, filwaqt li jiżgura s-sigurtà tal-pazjenti u tas-saħħa pubblika, huwa essenzjali. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni qed tippromwovi pjan ta' investiment għar-riċerka klinika, u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tippreżentah mill-aktar fis, preferibbilment qabel tmiem l-2025, b'objettivi intermedji ċari għas-snin li ġejjin. Il-pjan għandu jiġi żviluppat b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, u jagħti stadji u responsabbiltajiet ċari għall-istabbiliment ta' infrastrutturi affidabbli u integrati għat-twettiq tal-provi kliniċi f'qafas effettiv li juża l-istrutturi u l-għarfien espert eżistenti, sabiex jikkoordina u jagħti spinta lill-provi kliniċi f'diversi pajjiżi u ċentri. Il-pjan għandu jirrifletti l-ugwaljanza u l-inklużività bejn il-ġeneri u jippromwovi l-parteċipazzjoni attiva ta' individwi fl-istadji kollha tal-provi kliniċi.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 536/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' April 2014 dwar il-provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, u li jħassar id-Direttiva 2001/20/KE.

6. JIRRIKONOXXI li l-użu tad-data dwar is-saħħa għar-R&I hija sfida kbira, u JQIS li l-ostakli li fadal, fosthom il-kwistjonijiet marbuta mal-GDPR, jeħtieġ li jingħelbu sabiex tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-mard u ċ-ċittadini Ewropej jingħataw aċċess għall-aħjar kura tas-saħħa possibbli. JIĠBED L-ATTENZJONI għall-fatt li ħafna sħubijiet, infrastrutturi ta' riċerka, proġetti u inizzjattivi oħra Ewropej diġà huma attivi fi provi kliniċi inkluż fl-aspetti marbuta mad-data. Koordinazzjoni aħjar bejn dawn, evalwazzjoni bir-reqqa tar-riżultati tagħhom u pjan għall-implimentazzjoni tagħhom huma l-ewwel passi importanti biex jinstabu soluzzjonijiet għall-isfidi regolatorji marbuta mad-data. Dan għandu jsir filwaqt li jitqies it-tħassib etiku u jiġu żgurati miżuri ta' sigurtà proporzjonati, preċiżi u effettivi biex tiġi protetta informazzjoni sensittiva u tinżamm l-integrità tad-data, appoġġati minn infrastrutturi diġitali robusti u siguri. JISTENNA aktar dettalji dwar l-Assemblea Ewropea ppjanata tad-Data dwar ir-R&I tax-Xjenzi tal-Ħajja. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tappoġġa lill-Istati Membri sabiex jaċċelleraw id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa u tiżgura li jibqa' jingħata l-appoġġ għall-implimentazzjoni sempliċi u mingħajr xkiel tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, inkluż l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA), sabiex ikun jista' wkoll isir użu sekondarju mid-data dwar is-saħħa u jiġi ssimplifikat l-aċċess għar-riċerkaturi u l-innovaturi.

7. JIDDIKJARA li l-opportunitajiet offruti mill-iżviluppi l-ġodda f'oqsma b'hat-teknoloġiji kwantistiċi u l-IA jeħtieġ li jiġu inkorporati immedjatament fl-istrateġiji tax-xjenzi tal-ħajja, sabiex jagħtu spinta lill-Unjoni biex tkun fuq quddiem kemm fix-xjenzi tal-ħajja kif ukoll fit-teknoloġiji diġitali. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-Unjoni għandha l-ħiliet meħtieġa intersettorjali, multidixxiplinari u orjentati lejn il-futur biex tiżviluppa u tisfrutta għarfien u teknoloġiji ġodda, filwaqt li tqis l-importanza li tkompli tibni fuq ix-xjenza fundamentali eċċellenti u tmexxi 'l quddiem l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. JAPPOĠĠA l-pjan strateġiku għall-edukazzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika. IQIS li approċċ olistiku dwar il-ħiliet għandu jkopri l-istadji kollha tal-edukazzjoni, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali. JILQA' l-inizjattiva "Agħżel l-Ewropa għax-xjenzi" għall-iżvilupp, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talenti, f'konformità mal-kriterju tal-eċċellenza xjentifika. ITENNI l-importanza tal-ekosistemi madwar l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka u l-infrastrutturi ta' riċerka biex irawmu l-ħiliet, l-innovazzjoni u l-ispinoffs, l-istartups u l-iscaleups, speċjalment fix-xjenzi tal-ħajja, fejn it-teknoloġiji innovattivi huma kull ma jmur dejjem aktar rilevanti.

8. JISĦAQ fuq l-importanza ta' ekosistemi Ewropej, nazzjonali u reġjonali tar-R&I għax-xjenzi tal-ħajja li jiffunzjonaw tajjeb, l-avvanz tal-użu ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, u li jappoġġaw l-Intrapriżi Żgħir u ta' Daqs Medju innovattivi. IFAKKAR fil-ħtieġa li l-Istrateġija tal-UE għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up tiġi implimentata u mwettqa b'mod urġenti biex jiġu appoġġati setturi Ewropej ewlenin, bħax-xjenzi tal-ħajja. JISSOTTOLINJA li produzzjoni lokali sostenibbli u qafas regolatorju favorevoli għall-innovazzjoni u l-kummerċ huma essenzjali biex jissalvagwardjaw is-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni u jżommu l-manifattura sostenibbli fl-Ewropa. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-isfidi regolatorji li jiltaqgħu magħhom l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-kumpaniji innovattivi tax-xjenzi tal-ħajja fi triqthom lejn is-suq, u tipproponi miżuri xierqa sabiex dawn jingħelbu fl-Att Ewropew għall-Innovazzjoni li jmiss, bħala parti mill-inizjattiva usa' sabiex jitnaqqas il-piż regolatorju. JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni għall-intervent leġislativ sabiex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rigward tal-apparat mediku u ta' dijanjożi in vitro. JIPPROMWOVI użu aktar mifrux u proattiv tal-akkwist pubbliku fl-innovazzjoni fis-settur tax-xjenzi tal-ħajja sabiex tingħata spinta lis-swieq innovattivi.

9. JISTENNA l-att imħabbar dwar il-bijoteknoloġija u JHEĠĠEGĠ lill-Kummissjoni tisfrutta l-opportunitajiet wiesgħa offruti minn din it-teknoloġija ewlenija. IFAKKAR fl-importanza tal-appoġġ lir-R&I, kif ukoll l-applikazzjoni tal-bijoteknoloġija fl-oqsma rilevanti kollha fejn din it-teknoloġija tista' tmexxi l-innovazzjoni. Għandhom jitrawmu sinerġiji bejn l-oqsma differenti, għal benefiċċji reċiproċi. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta azzjonijiet orizzontali fil-politiki kollha tal-Unjoni sabiex tkompli tirrazzjonalizza l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tagħha, tnaqqas il-frammentazzjoni, issaħħaħ is-simplifikazzjoni, iżżid it-trasparenza u tnaqqas iż-żmien li l-innovazzjonijiet intensivi fir-riċerka jieħdu biex jaslu fis-suq, filwaqt li jinżammu l-istandards ambjentali. Dan għandu jsir permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati. JISĦAQ li l-att dwar il-bijoteknoloġija li jmiss joffri opportunità f'waqtha u unika għall-istabbiliment ta' skambji strutturati.

10. JILQA' l-aġenda strateġika mħabbra dwar ir-R&I dwar is-sistemi tal-ikel. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' agrikoltura u sistemi tal-ikel kompetittivi, sostenibbli u reżiljenti, kapaċi jiggarrantixxu s-sigurtà tal-ikel u l-aċċess għal ikel san u nutrittiv għal kulħadd, waqt li fl-istess ħin jiġġieldu t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis ambjentali, u jiżviluppaw ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex qabel nofs l-2026 tippreżenta l-aġenda dwar ir-R&I għas-sistemi tal-ikel u tiżgura li din tiġi żviluppata mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, tiegħu approċċ sistemiku tal-katina tal-valur, tallinjaha mal-politiki u l-inizjattivi rilevanti tal-Unjoni, tindirizza l-isfidi regolatorji pendenti u tqis l-ispeċifitàjiet reġjonali. JISTENNA wkoll l-Istrateġija li jmiss dwar il-Bijoeconomija u JENFASIZZA l-importanza ta' bijoeconomija sostenibbli u ċirkolari u l-ottimizzazzjoni tal-użu ta' bijomassa disponibbli, u, għalhekk, il-ħtieġa li l-aġenda strateġika tar-R&I dwar is-sistemi tal-ikel tintrabat mal-Istrateġija dwar il-Bijoeconomija, filwaqt li jitqiesu wkoll ir-rekwiżiti speċifiċi tas-setturi industrijali li jiddependu fuq materja prima b'bażi bijoloġika.

GOVERNANZA KOORDINATA U SEJĦA GĦAL AZZJONI

11. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jidħlu fi djalogu u koordinazzjoni strateġiċi rigward l-istabbiliment, iż-żamma, l-ottimizzazzjoni u r-rabtiet tal-infrastrutturi, iċ-ċentri ta' innovazzjoni, il-parks tax-xjenza u ċ-ċentri ta' eċċellenza tar-riċerka u l-innovazzjoni, rilevanti għax-xjenzi tal-ħajja, sabiex isaħħu l-isforzi komuni u jiggarrantixxu l-awtonomija tal-Unjoni fir-R&I u l-pożizzjoni tagħha fuq quddiem fit-teknoloġija. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkonsultaw il-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka f'dan il-kuntest. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' kapaċità Ewropea b'saħħitha għall-ittestjar, l-esperimentazzjoni u l-validazzjoni ta' servizzi u prodotti u JISĦAQ fuq ir-rwol ta' bażijiet ta' data u infrastrutturi mill-aktar avvanzati f'dan ir-rigward. JIEĦU NOTA tal-istrateġija l-għdida li jmiss dwar ir-riċerka u l-infrastrutturi tat-teknoloġija u JFAKKAR fil-ħtieġa li l-infrastrutturi u l-proċessi jippermettu d-data FAIR (traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli) u jistgħu jimplimentaw l-għodod il-ġodda tal-IA f'konformità mal-istrateġija li jmiss dwar l-IA fix-xjenza.

12. JIRRAKKOMANDA li l-Grupp ta' Koordinazzjoni tax-Xjenzi tal-Ħajja, grupp intern tal-Kummissjoni, ikun kuraġġuż u ambizzjuż fil-kompitu tiegħu li jiżgura politiki, iffinanzjar u attivitajiet koerenti favorevoli għall-innovazzjoni fis-settur tax-xjenzi tal-ħajja kollu kemm hu. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta regolarment lill-Istati Membri u lil forum usa' ta' partijiet ikkonċernati, u żżomm djalogu magħhom biex tiddiskuti l-progress u l-azzjonijiet meħtieġa għall-ambizzjoni tal-2030.
 13. JENFASIZZA l-importanza tat-trawwim tal-fiduċja taċ-ċittadini fix-xjenza u t-teknoloġija u l-promozzjoni ta' informazzjoni preċiża, permezz ta' djalogu fost il-partijiet ikkonċernati mix-xjenzi tal-ħajja, dawk li jfasslu l-politika u l-pubbliku inġenerali. JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi repożitorju tal-ġhodod u tal-aħjar prattiki sabiex il-komunikazzjoni dwar ix-xjenza tkun tista' titjieb, u s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku tkun tista' titkejjel. JISĦAQ fuq l-importanza li tiġi żviluppata xjenza fil-livell tal-UE għal inizjattivi ta' politika għal politiki bbażati fuq l-evidenza.
-